MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Numru. 667/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs.**

**Paul Magri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Paul Magri, ta’ 38 sena, bin Tony u Doris nee’ Micallef, imwieled fl-Awstralja nhar it-3 ta’ Dicembru, 1971, detentur ta’ karta tal-identita’ bin-numru 487887M u joqghod 20, Triq il-Kurat Calleja, Mosta.

Akkuzat:

1. talli f'dawn il-Gzejjer u cioe' nhar is-7 ta' Gunju, 2009 ghall-habta tas-siegha neqsin ghaxar minuti ta' wara nofs inhar (12.50 p.m.) gewwa Triq il-Kostituzzjoni, Mosta huwa ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 935 Patrick Cassar u PC 1582 Mario Spiteri, persuni li huma nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jghamlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.
2. U talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hu attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS 935 Patrick Cassar u PC 1582 Mario Spiteri persuni inkarigati skont il-ligi mis-servizz pubbliku, filwaqt li kienu qeghdin jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.
3. U talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hu rrifjuta li jaghti jew ta falz, lil PS 935 Patrick Cassar, li kien inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien qieghed jghamel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolaritajiet ohra.
4. U talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi rama', tefa' jew xort'ohra iddepozita f'post, gewwa post jew minn xi post fil-berah li l-pubbliku ghandu dritt jew jista' jidhol fih minghajr hlas, u halla xi haga tkun li tkun f'cirkostanzi tali li kkaguna, kkontribwixxa jew li jista jwassal ghal tkerrih biz-zibel u skart ta' xi post fil-berah, kemm-il darba dak id-depozitu u t-thollija ma tkunx awtorizzata mill-ligi.

Rat il-kunsens mibghut mill-Avukat Generali fit-13 ta' Lulju, 2009, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat u deciz;

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

F'dan il-kaz hemm zewg verzjonijiet tal-fatti, b'dik tal-Prosekuzzjoni tikkonfliggi ma' dik tal-imputat. Ghalhekk, din il-kawza tirrivolvi ruhha dwar liema verzjoni hija l-aktar kredibbli. Fic-cirkostanzi, fl-opinjoni tal-Qorti mhux il-kaz li isir elenku tal-fatti imma se jigu analizzati iz-zewg verzjonijiet tax-xhieda, sabiex din il-Qorti tiddeciedi liema verzjoni hija l-aktar attendibbli.

*Verzjoni tal-Fatti tal-Prosekuzzjoni*

Waqt li PS935 Patrick Cassar u PC1582 Mario Spiteri kienu qed jaghmlu *foot patrol* fi Triq il-Kostituzzjoni il-Mosta, huma raw vettura pparkjata fuq zebra crossing u nnutaw li x-xufier – l-imputat – kien qieghed quddiem l-ATM tal-Bank jigbed il-flus. PS935 staqsa lill-imputat biex inehhi l-vettura, imma l-imputat ma wegbux. Il-Pulizija rega' qallu biex inehhi l-vettura u din id-darba l-imputat qabad jghajjat *"U iva issa nnehhi",* u beda jargumenta maghhom u ma nehhiex il-vettura. Allura PS 935 hareg il-ktieb biex itih citazzjoni.

Dak il-hin l-imputat resaq lejn PS 935 u tefa' l-ircevuta li kien ghadu kemm ha mill-ATM fl-art. PS 935 qallu biex ma jghajjatx u biex jigbor l-ircevuta mill-art. Inoltre huwa staqsa lill-imputat sabiex itih id-dettalji personali tieghu, imma l-imputat irrifjuta u beda jghajjat *"Issa happy hux"* b'riferenza ghal fat li PS 935 kien se jtih citazzjoni. L-imputat dahal f'bar fl-istess triq u l-Pulizija qaghdu jistennewh barra.

Meta l-imputat hareg mill-bar, il-pulizija qalulu li jekk mhux se jaghti d-dettalji tieghu kien se jigi arrestat. L-imputat baqa' jargumenta u irrifjuta li jaghti d-dettalji tieghu. Huwa beda jghid li PS 935 kien qed jitkessah mieghu u jghajjru "kiesah". Ghalhekk PS935 qabdu minn idu u qallu sabiex imur maghhom l-ghassa li kienet in-naha l-ohra tat-triq. Meta PS 935 qabad idejn l-imputat, l-imputat irrezista li jmur maghhom. Huwa beda jingibed lura u jipprova jidhol fil-vann, sabiex jitlaq minn fuq il-post. PC1582 xehed ukoll li waqt li kien qed jirrezisti l-arrest, l-imputat imbutta lill-Pulizija fit-triq, tant li xarabank li kien ghaddej kellu jieqaf. Ghalhekk, PS 935 hareg il-pepperspray u uzah, u meta l-imputat ikkalma haduh l-ghassa tal-Mosta, sabiex jittiehdulu d-dettalji personali tieghu. Wara huwa ttiehded il-Mosta Health Centre sabiex jikkurawh ghal hruq tal-pepperspray. Iktar tard huwa gie rilaxxat.

*<u>Verzjoni tal-Fatti li ta l-Imputat fl-Istqarrija tieghu</u>*

Fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid li hu ipparkja fuq zebra crossing biex jigbed il-flus mill-ATM tal-bank. X'hin hargu l-flus u mar biex isuq, l-Pulizija kien diga hdejn il-bieba tieghu. Il-Pulizija gholla jdejh, beda jghajjat u laqtu f'ghajnejh, u imbaghad sprejjalu l-pepperspray f'ghajnejh. Huwa cahad li irrifjuta li jsuq, li tefa xi karti li kellu mal-art u meta l-pulizija talbu il-partikolarijiet tieghu huwa irrifjuta li jtihom u dahal go bar, u x'hin hareg mill-bar u l-Pulizija qalulu biex imur l-ghassa huwa irrezista.

L-imputat qal ukoll li hu mar biex isuq mill-ewwel *"ghax kont naf li qieghed hazin fuq zebra cross."*. Meta gie mistoqsi ghaliex irrifjuta li jaghti l-partikolaritajiet tieghu, huwa l-ewwel wiegeb *"Jien mhux irrifjutajt imma hassejt li ghandu jaghtini it-ticket, jien hsibt li ser jaghtini t-ticket nirkeb u nitlaq bla problemi."* Pero iktar tard jghid li ma semghax lill-Pulizija isaqsieh ghall-partikolarijiet tieghu, u lanqas semghu jghidlu biex jigbor il-karti mill-art.

*<u>Il-Verzjoni tal-Fatti li ta l-Imputat fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti</u>*

Fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti, l-imputat qal li kienet gurnata tal-Hadd u li hu pparkja quddiem ir-reserved parking tal-bank biex jigbed il-flus mill-ATM. Il-Pulizija qalulu biex inehhi l-vettura u hu argumenta maghhom li fil-gurnata tal-Hadd seta' jipparkja fir-reserved parking tal-Bank. Il-Pulizja qallu li ma setghax u l-imputat talbu jtih cans ha johorgu l-flus u l-card mill-ATM.

Meta mar hdejn il-vann, il-Pulizija talbuh id-dettalji personali tieghu, u hu wegibhom *"Nghidlek id-dritt ghidtilhom il-particulars stajtu tehduhom minn fuq il-vann".* Il-Pulizija gholla subajh u laqtu f'ghajnejh, u beda hiereg id-dmugh. Hu tbaxxa mal-art u l-Pulizija sprejjaw il-pepperspray, ghax skont l-imputat, il-Pulizija haseb li kien se jirritalja. Il-card u l-flus li kellu f'idejh waqaghulu mal-art. Il-Pulizija gabrulu l-flus u l-card u poggewhomlu fil-but.

L-imputat cahad li wara li ha l-flus mill-ATM, huwa dahal il-bar li hemm fil-vicin, anzi qal li kienu il-Pulizija li hargu minn dan il-bar waqt li kien qed jigbed il-flus. Qal ukoll li hu ma talabx ricevuta mill-ATM u allura ma kellu l-ebda ricevuta. Skont hu, l-flus biss waqghulu mal-art x'hin sprejjawlu l-pepperspray.

**Konsiderazzjoni ta' din il-Qorti dwar Htija**

Iz-zewg Pulizija involuti f'dan l-incident kienu konsistenti fil-verzjoni taghhom, kemm meta ghamlu r-rapport taghhom[1] kif ukoll meta xehdu quddiem il-Qorti.

Min-naha l-ohra, kif wiehed jista' jinnota minn dak li intqal iktar il-fuq bejn l-istqarrija tal-imputat u x-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, hemm mhux biss inkonsistenzi imma wkoll kontradizzjonijiet fuq kwistjonijiet ta' fatt. Dawn il-kontradizzjonijiet huma s-segwenti:

[1] Ara Dok PC a fol. 23 tal-process

1. fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li ipparkja fuq zebra crossing – kif xehdu z-zewg Pulizija - filwaqt li fix-xhieda tieghu l-imputat jghid li ipparkja fir-reserved parking tal-Bank.
2. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li ma semghax lill-Pulizija isaqsih ghad-dettalji personali tieghu. Fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid li mhux talli semghu, talli wiegbu billi qallu li dawn id-dettalji seta' hadhom minn fuq il-licenzja tal-vann.

Fid-dawl ta' dawn iz-zewg inkonsistenti dwar fatti tant rilevanti ghal kaz odjern, il-Qorti ma issibx il-verzjoni tal-fatti li ta l-imputat bhala wahda attendibbli, u l-Qorti hija tal-opinjoni li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

It-trattazzjoni orali tad-difiza hija ibbazata kwazi totalment fuq is-sottomissjoni li l-ordni tal-Pulzija sabiex l-imputat inehhi l-vettura kienet illeggittima ghax l-imputat kien ipparkjat fuq reserved parking ta' bank f'gurnata li kienet il-Hadd. Pero mill-provi, inkluz mill-istqarrija tal-imputat stess, jirrizulta li l-imputat kien ipparkjat fuq zebra crossing, u ghalhekk ma hemmx dubbju li l-ordni tal-Pulizija kienet wahda legittima.

Huwa vera li l-Pulizija baqa' ma harigx ic-citazzjoni ghall-ipparkjar illegali, pero kif xehed PS935 dan gara ghax imbaghad beda jistaqsi lill-imputat ghad-dettalji personali tieghu, u waqaf jikteb ic-citazzjoni. Pero certament, il-Prosekuzzjoni kellha zzid l-imputazzjoni ta' ipparkjar illegali mal-imputazzjonijiet odjerni, haga li ma ghamlitx.

Inoltre mix-xhieda tal-imputat quddiem din il-Qorti, jirrizulta li l-imputat ma riedx jaghti d-dettalji tieghu lill-pulizija, tant li qalilhom li setghu johduhom minn fuq il-licenzja tal-vann. Apparti l-fatt li d-dettalji personali tas-sid tal-vettura ilhom snin li tnehhew minn fuq il-licenzja tal-vettura, il-vettura setghet ma kienitx tal-imputat, u ghalhekk l-imputat kien obbligat li jaghti dawn id-dettalji meta gie mitlub mill-Pulizija.

Ghar-rigward l-ewwel imputazzjoni, u cioe ir-reat taht l-Artikolu 95(1) tal-Kodici Kriminali, PS 935 xehed li l-imputat ma heddux u lanqas ghamillu offiza fuq il-persuna, imma sempliciment irrezista l-arrest u jghajru "kiesah" u beda jghidlu li qieghed jitkessah mieghu.[2] Meta wiehed jikkunsidra li dawn il-kliem intqalu lill-ufficjal tal-Pulizija meta kien qed jipprova jaqdi d-doveri tieghu, din il-Qorti hija

[2] Ara xhieda ta' PS 935 Patrick Cassar a fol. 21 tal-process.

tal-opinjoni li dawn il-kliem huma ingurjuzi – cioe intqalu mill-imputat bil-hsieb li l-persuna li ghalija kienu diretti tigi ingurjata, cioe bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' PS 935.[3]

L-Artikolu 95(1) tal-Kodici Kriminali, fil-parti rilevanti tieghu ghall-kaz in ezami, jghid testwalment hekk: *"Kull min ... ... jingurja jew jhedded, jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarikat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun qed jaghmel, jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz ... ... jehel, meta jinstab hati, l-piena stabbilita ghall-ingurja ... ... mizjuda bi grad."*

Imbaghad l-Artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li: *"Kull min, bil hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd, wiegghu bi kliem, b'gesti, b'disinji jew bxi mod iehor, jehel meta jinsab hati, l-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tlett xhur jew il-multa."*

Is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jghid: *"Jekk l-ingurja ssir bi kliem mhux imfisser car jew b'canfir mhux specifikat inkella bi kliem jew eghmil li jkun biss mhux xieraq, il-hati jehel il-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet.*

Pero s-subartikolu (2) u (3) tal-imsemmi artikolu 95 jiddisponu li:

*"Izda il-piena ma tizdiedx meta hija dik stabilita ghall-kontravvenzjonijiet."*

u *"Il-piena lanqas ma tizdied meta hija dik tal-prigunerija ghal mhux izjed minn tlitt xhur, izda f'dan il-kaz, il-Qorti tista' ma' din il-piena zzid il-multa."*

Kif gia inghad, ma hemmx dubju li l-uzu tal-kelma adoperata mill-imputat hija wahda dispreggjattiva u ingurjuza fil-konfront ta' PS 935. Id-diffikulta li tinholoq hija jekk din l-ingurja ghandhiex titqies bhala l-ingurja kontemplata fl-Artikolu 252(1), fil-gergo legali maghrufa bhala "ingurja gravi" jew dik kontemplata fis-subartikolu (2) maghrufa bhala "ingurja semplici", u dan ghaliex il-konsegwenzi fil-piena huma alkwantu differenti.

[3] Ara **Il-Pulizija v. Amante Camilleri** deciza fis-17 t'Ottubru 1997 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (*per* Imhallef Vincent DeGaetano.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Josianne Bartolo**, deciza fis-16 ta' Jannar 2003, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali[4] kienet rinfaccata bl-istess diffikulta fil-konfront tal-kelma "pufta", dik il-Qorti qalet hekk: *"Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-kelma adoperata mill-appellanti b'mod generiku, u bla ebda rabta ma' xi persuni ohra, agir partikolari w eventi partikolari, "in common parlance" u fil-kontest li fih tintuza il-lum il-gurnata, ma tistax titqies bhala ingurja gravi, l-istess bhal ma l-kelma generika "qahba" giet ritenuta li ma tikkostitwix ingurja gravi imma biss l-ingurja kontemplata fis-subartikolu (2) tal-artikolu 252. Ghalkemm il-veru sinifikat tal-kelmu hu dak li hu w cioe li jimplika li persuna hi omosesswali, fil-gergo ta' kulljum, din il-kelma – li sfortunatament spiccat fuq fomm hafna nies – saret tfisser persuna sgradevoli, antipatika, <u>kiesha</u> jew li mhux ta' min wiehed ikollu x'jaqsam maghha u dan ghal kull raguni kwalsiasi mhux necessarjament minhabba konnotozzjonijiet omosesswali."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Hekk ukoll fil-gergo ta' kuljum, il-kelma dispregattiva "kiesah" tfisser antipatiku, persuna qziez jew dardira. Ghalhekk, din il-kelma dispregattiva ma tikkostitwix ingurja gravi imma biss l-ingurja kontemplata fis-subartikolu 2 tal-Artikolu 252 tal-Kodici Kriminali. Pero, kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fuq citata, b'dan din il-Qorti b'ebda mod ma trid tnaqqas il-portata jew il-gravita tar-reat kommess kontra persuna fdata b'servizz pubbliku bhal ma kien PS 935 u minhabba dan is-servizz li hu jkun wettaq, kif jirrizulta li gara f'dan il-kaz. Il-membri tal-Korp tal-Pulizija ghandhom xoghol difficli ferm u dan, kull ma jmur qed isir aktar difficli, perikoluz u impenjattiv u ghalhekk huma ghandhom kull dritt li jistennew li jkollhom il-protezzjoni tal-ligi u tal-Qrati fl-esekuzzjoni legittima tad-doveri taghhom. Din il-Qorti hija altru milli konxja minn dan.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-fedina penali aggiornata tal-imputat hija wahda netta.

[4] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

Ladarba l-ingurja li sofra PS 935 taht l-ewwel imputazzjoni hija dik kontemplata fl-Artikolu 252(2) tal-Kodici Kriminali, l-piena applikabbli ghaliha hija dik tal-kontravvenzjonijiet u din ta’ tizdiedx bi grad skont l-Artikolu 95(2).

Bir-regoli tal-konkors tar-reati u pieni skont l-Artikolu 17(d) tal-Kodici Kriminali, la darba l-ewwel, it-tielet u r-raba’ imputazzjoni mhux ser jittiehdu in konsiderazzjoni ghal fini ta’ piena ghax huma kontravvenzjonijiet jew soggetti ghal piena tal-kontravvenzjonijiet, u se tinghata biss piena ghad-delitt kommess fit-tieni imputazzjoni u cioe rezistenza bi vjolenza ghal arrest legittimu taht l-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali.

Ghal kull buon fini jigi rilevat li l-Qorti se tapplika il-piena applikabbli ghar-reat taht l-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali, qabel din il-piena giet riveduta bl-Att V tal-1914.

Ghalkemm wiehed jista’ jargumenta li dan kien incident zghir, kif irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali[5] fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Roderick Farrugia**, deciza fis-26 t’April 2007: *“Kif irriteniet din il-Qorti diversi d-drabi, reati ta’ vjolenza attiva fil-konfront tal-Pulizija kull ma jmorru qed jizdiedu w jsiru ferm spissi w l-Qrati ghandhom id-dmir, fejn ikun il-kaz, li jaghtu il-protezzjoni xierqa lill-forzi tal-ordni fejn dawn ikunu qed jagixxu entro il-poteri lilhom moghtija fl-esekuzzjoni tal-ligi w ma jistghux jittrattaw dawn il-kazijiet b’leggerezza w jikkondonaw dak li ma ghandux jigi kondonat b’pieni irrizorji.”*

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti wara li rat l-Artikoli 95, 96, 338(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 4 tal-Avviz Legali 344 tal-2005, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, u tikkundannah ghal piena ta’ sitt (6) xhur prigunerija li qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta’ erba’ (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

[5] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono

Ai termini ta’ l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f’kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------